# KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI
ĦAL LIJA
TEL NO : 21416111


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 43

Data tal-laqgħa: It-Tnejn 11 ta' Lulju 2022

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' onlajn, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Daniel Mallia– Viċi Sindku

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 43.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

43.1.1 Ittri ta' apoloġiji ma kienx hemm.

## 43.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 42

43.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-tnejn u erbgħin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

43.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Huwa stess xtaq jagħmel korrezjoni ta' xi figuri li ġew imsemmija fi punt 42.3.4, li kien diġa hemm qbil dwarhom, pero minħabba xi ċirkustanzi li l-kunsill m'għandhux kontroll fuqhom dawn għolew / żdiedu.

43.2.3 Is-Sur Dalli spjega kif:

a. l-għajnuna li ser tingħata lil Kumitat Festi Esterni, biex jikru l-meters tad-dawl minn 800 EUR, l-ispiża ssa telgħat għal ċirka 840 EUR.
b. l-għajnuna li ser tingħata lil Kamra tan-nar San Mikiel ta' Ħal Lija, biex ikollhom mezzi ta' sigurta biżejjed għal waqt il-logħob tan-nar, l-ispiża ssa telgħat għal ċirka 1000 EUR.
c. Apparti l-għajnuniet li diġa ġew imsemmija fi punt 42.3.4 ta' seduta nru 42, is-Sindku żied jgħid li ser tingħata għajnuna ukoll ta' ċirka 660 EUR lil Boċċi Klabb u ċirka 500 EUR lil Klabb tal-ħamiem. Dawn ser jingħataw din is-somma mill-fond tal-Għajnuna lil Għaqdiet.

Il-Kunsilliera kollha preżenti approvaw it-tibdil fl-ispejjeż li kienu diġa msemmija u kif ukoll approvaw iż-żewġ għajnuniet ġodda li ser jingħataw lil tal-Boċċi Klabb u lil Klabb tal-Ħamiem.

43.2.4 Fuq proposta tal-Minority Leader Lorraine Farrugia li kienet issekondatha mill-Kunsillier Joseph Zahra, l-minuti tat-tnejn u erbgħin laqgħa ġew approvati unanimament.

## 43.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

43.3.1 Is-Sur Dalli qal kif fi ċelebrazzjoni li saret ta' Jum Ħal Lija kollox mar sew. Huwa talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex twassal ir-rikonoxximent tal-Kunsill lil l-impjegati kollha li għenu biex dan l-avveniment setgħa jkun ta' suċċess.

43.3.2 Is-Sindku tkellem dwar l-ewwel batch ta' patching ta' toroq bit-tarmac u bankini li beda riċenti, kif kienu ġew approvati mill-Kunsill fl-aħħar xhur. Issa jidher li l-proġetti l-kbar fit-toroq ta' Ħal Lija qed jiġu ffinalizzati. Jonqos biss l-aħħar saff tarmac fl-akwata taċ-ċnus u s-Sindku qal li hu ġie nfurmat li dan l-aħħar saff ser jingħata suppost it-Tlieta 12 ta' Lulju.

43.3.3 Is-Sur Dalli tkellem dwar l-uffiċċju l-ġdid tal-kunsill. Huwa qal li sa fl-aħħar ħareġ il-permess tal-PA u qed jiffoka biex fl-1 ta' Awwissu jew viċin, il-kunsill ikun qed jopera mill-uffiċini l-ġodda. Is-Segretarju Eżekuttiv se tagħmel lista ta' oġġetti li għandna bżonn nixtru biex nibdew noperaw kif meħtieġ. L-oġġetti ser jinxtraw skond il-procurement procedures li jridu jimxu magħhom il-Kunsilli Lokali.

43.3.4.1 Is-Sur Dalli qal li x-xogħlijiet ta' tarmac fit-toroq Tal-Mirakli, N. Cottoner u Ħal-Bordi jidhru li se jiġu ffinalizzati t-Tlieta 12 ta' Lulju. Issa jkun jonqos biss it-tabelli u ż-żebgħa biex jiġi onorat l-immaniġjar tat-traffiku fl-inħawi. Is-Sindku kompla jgħid kif, hemm proposta minn ħafna residenti li jixtiequ li Triq N. Cottoner u Triq tal-Mirakli jiġu one-way, jiġifieri d-dħul ikun minn Triq Ħal-Bordi lejn Triq N.Cottner u l-ħruġ minn Triq Tal-Mirakli. Pero din hija xi ħaġa li ser tiġi diskussa fi laqgħa oħra. Is-Sindku xtaq jgħid prosit kemm lil Kuntrattur Philip Agius Ltd. u anke lil WSC għas-servizz eċċellenti tagħhom.

43.3.4.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia għamlet rimarka żgħira biex ma jdumux ma jsiru s- sinjali tat-traffiku ma' l-art issa fl-akwata taċ-Ċnus, b'mod speċjali l-istop signs. Is-Sindku qal kif kollox ser issir kif kien, bilmod il-mod, pero l-ewwel jrid jingħata l-aħħar saff tat-tarmac u dan jrid joqgħod sew qabel ma ssir żebgħa fuqu.

43.3.5 Is-Sindku tkellem fuq ix-xogħlijiet tal-cable li qed jagħmlu l-Enemalta. Ix-Xogħlijiet fi Triq il-Kunċizzjoni (l-ewwel fażi) u Triq il-Forn ġew konklużi ħlief għal marki u tabelli tat-traffiku. Dawn ix-xogħlijiet kollha saru kollu skond il-ftehiem li kien intlaħaq biex jitlestew sal-festa. Hawnhekk Is-Sindku reġġħa qal prosi lil Philip Agius Ltd. għas-servizz eċċellenti tagħhom.

43.3.6 Is-Sur Dalli nforma lil kunsilliera li ħareġ il-permess tal-arbli tal-bnadar li kien hemm qbil dwarhom biex jitweħlu fil-pjazza. Dawn ser jiġu mplementati bilmod fil-jiem li ġejjien.

43.3.7 Is-Sindku għarraf lil kunsilliera kif it-3,000 Ewro li kienu mwegħda lil kunsill mill-MTA li bihom kien sar xi tiżjien tal-Milied, riċenti daħlu fil-kont bankarju tal-kunsill lokali.

43.3.8 Is-Sindku tkellem dwar il-produzzjoni tal-ewwel fuljett għas-sena 2022. Huwa qal li l-fuljett qiegħed fi stadju avvanzat u daqt ikun lest għal printing. Qabel ma jiġi pprintjat kopja tiegħu ser tiġi mgħoddija lil kunsilliera kollha u ser ikollhom ġurnata ċans biex jarawha.

43.3.9 Is-Sur Dalli spjega li, fuq talba ta' ħafna residenti, ser tiġi organizzata mawra għal Sqallija, ta' ġurnata mat-tour leader Mario Spiteri. Din se ssir it-Tlieta 9 ta' Awwissu 2022. Il-programm ser jintbgħat lil kunsilliera appena jkun lest. Fost oħrajn waqt din il-mawra ser issir żjara ġewwa Militello.

43.3.10 Is-Sindku nforma lil kunsilliera kif fl-24 ta' Lulju, il-Pulizija tal-Komunita se jagħmlu attivita fil-Pjazza Trasfigurazzjoni bejn id-9am u 1pm.

## 43.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

43.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

*Il-ħin kien propju 17:15pm, u dak il-ħin ingħaqad fil-laqgħa mal-kumplament tal-kunsilliera, il-Kunsillier Calcedonio Cini.*

## 43.5 Korrispondenza

43.5.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet dwar korrispondenza numru 00102/2022. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha kif dik kienet komunikazzjoni ma' resident dwar l-istat tal-ground 5-aside li hemm fil-ġnien. Is-Sinjorina Borg qalet li hija spjegat lir-resident li dak il-5-aside huwa propjeta tal-Lands Authority u l-kunsill applika għal encroachment tiegħu biex jikrih lin-nursery ta' Ħal Lija u jintlab il-football fih, pero qabel mal-Lands Authority tirranġa dan il-pitch, l-kunsill mhux se jiffirma l-kuntratt u mhux ser jaċċetta li jieħu enroachment tal-pitch tale quale kif trid il-Lands Authority.

43.5.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet dwar xiex titratta korrispondenza numru 00106/2022. Is-Sinjorina Borg infurmatha li dik hija korrispondenza dwar l-evalwazzjoni li kienet qed issir biex jiġi evalwat it-tender li riċenti ħareġ il-kunsill għall-implimentazzjoni ta' play equipment ġdid u tibdil tat-tapit tal-art fil-playingfields.

43.5.3 Is-Sindku għamel rimarka dwar korrispondenza numru 00101/2022. Huwa spjega kif din hija korrispondenza li titratta dwar il-proġett tal-ħitan tas-sejjieħ fejn dan l-aħħar il-kunsill kien qed ikollu daqsxejn ta' problemi mal-kuntrattur. Huwa qal kif il-kuntrattur baqalu xi biċtejn xogħol tal-aħħar u ħalla xi ġebel u gaffa li kemm l-darba ġie nnotifikat dwarhom biex ineħħihom u xorta jitlaqhom hemm. Apparti minn hekk qed iddum ħafna biex jibgħat l-invoices kif rikjesti skond l-istruzzjonijiet tad-dipartiment mgħottija lis-Segretarju Eżekuttiv u mhux dejjem qed jikko-opera mill-ewwel sfortunatament.

## 43.6 Rendikont finali dwar is-sejħa għall-Skrivan Skala 15 (F/T) mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija

43.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv tat update dwar il-proċeduta ta' ingaġġ għall-skrivan Skala 15. Hija nfurmat lis-Sindku u lil kunsilliera kif mill-ħames applikanti li applikaw għal din il-pożizzjoni, ġie ingaġġat is-Sur Roderick Debono. Filfatt is-Sur Debono beda jaħdem mal-kunsill propju mill-1 ta' Lulju u sissa sejjer tajjeb ħafna.

43.6.2 Is-Sindku u l-kunsilliera ħadu nota ta' din l-informazzjoni, li dwarha diġa kien hemm qbil bl-imejl. L-ingaġġ tas-Sur Roderick Debono, fi skala 15 F/T, ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku Anthony Dalli li kien issekondat mill-Kunsillier Calcedonio Cini.

## 43.7 Aġġornament dwar is-Sejħa għal Uffiċċjal Eżekuttiv

43.7.1 F'kontinwazzjoni mas-seduta ta' qabel, nru 42, is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif is-sejħa nterna li hija ħarġet għal uffiċċjal eżekuttiv għalqet fl-24 ta' Ġunju. Għal din il-kariga uriet interess u applikat kif suppost is-Sinjura Diane Abela Penza.

43.7.2 Is-Sinjorina Borg għal darb oħra reġgħat stqarret kif is-Sinjura Abela Penza hija mara ħabrieka, taf kif għandu jsir ċertu xogħol tal-kunsill, edukata biżejjed u tiprovdi xogħol tajjeb. Is-Sinjorina Borg staqsiet lil kunsill kollu jekk għadtx għandu pjaċir jaċċetta l-applikazzjoni ta' Uffiċċjal Eżekuttiv mingħand is-Sinjura Abela Penza.

43.7.3 Il-Kunsill unanimament approva l-applikazzjoni tas-Sinjura Abela Penza u hija għandha tibda teżerċita l-kariga ta' Uffiċċjal Eżekuttiv minnufih (mill-bidu ta' Lulju 2022). Din l-approvazzjoni kienet proposta mis-Sindku Anthony Dalli li kien issekondat mill-Kunsillier Calcedonio Cini.

## 43.8 Aġġornament dwar il-Festa tas-Salvatur 2022

43.8.1 Is-Sindku spjega kif il-kunsill ħa l-prekawzzjonijiet kollha kif ġie diskuss fis-seduta preċedenti u issa anke li l-gwardjani ssospendew l-istrajk, l-amministrazzjoni ħadet ħsieb li tordna l-gwardjani biex ikunu stazzjonati kif suppost fi żmien il-festa.

43.8.2 Mal-pulizija ukoll hemm ftehiem biex dawn ikunu preżenti ukoll bħala awtorita fil-ġranet tal-festa. Dalwaqt is-Sindku ser jerġgħa jiltaqgħa mal-ispettur biex jitħaddtu dwar l-andament tan-nar tal-art (ċikċifogu) u l-probabbilta hija li l-gate tal-ġnien minn Triq Giovanni Barbara ser tkun magħluqa, dan bħala sigurta biex min ikun ġewwa ma joħroġx mill-gate fejn ikun qed jinħaraq in-nar tal-art (ċikċifogu).

43.8.3 Is-Sindku qal li suppost kollox hemm organizzat u qal li f'każ jinqala xi ħaġa urġenti fl-aħħar minuti, skond il-liġi, huwa bħala Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ser jaġixxu minnufih skond il-bżonn, umbgħad l-kunsilliera jkunu avżati b'dak li jkun sar. Min mill-kunsilliera jinduna b'xi ħaġa ħażina jew li mhux f'posta għandu jiġbed l-attenzjoni ukoll.

43.8.4 Is-Sur Dalli tkellem dwar il-latrini fejn spjega kif it-tindif tal-latrini għal ġranet tal-Festa ser jammonta għal 767 Ewro bil VAT inkluż. Il-Kunsilliera aċċettaw din l-ispiża.

43.8.5 Is-Sur Dalli tkellem anke dwar il-kuntrattur tal-knis. Fi żmien il-festa qal li mhux ser ikun hemm problemi bil-knis għax sintendi l-kunsill ser ikun qed iħallas ħlas addizzjonali biex issir knis aktar frekwenti, pero fuq bażi ta' kuljum dan il-kuntrattur qed jonqos minn dmirijitu. Is-Sindku qal li huwa qed jaħli wisq ħin għassa ta' dan il-kuntrattur meta dan suppost huwa xogħol l-contracts manager u sostna li la l-kuntrattur u lanqas il-contracts manager m'huma qed jagħtu is-servizz kif rikjest minnhom skond it-tender. Dan mhux sew u qed ikollu ħafna nkwiet bil-kuntratt tal-knis u l-ilmenti qed jakkumulaw, il-kunsill jrid jara x'se jagħmel, pero bħalissa mhux iż-żmien li wieħed iwaqfu.

## 43.9 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

43.9.1.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni -Tender għall-installazzjoni ta' equipment ġdid fil-playingfields u tibdil tat-tapit tal-art</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-kunsill rapport ta' evalwazzjoni nkonnessjoni mat-tender għal supply u nstallazzjoni ta' play equipment ġdid fil-playingfields u tibdil tat-tapit tal-art. Kopja ta' dan ir-rapport intbgħat lil kunsilliera kollha qabel il-laqgħa. Fil-qasir is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan ir-rapport jagħti spjegazzjoni li b'kollox kien hemm tlett offerti li kienu technically and financially complaint. Minn dawn it-tlett offerti l-bord tal-evalwazzjoni qed jirrakomanda l-offerta ta' Urban Play Solutions Ltd.

43.9.1.2 Is-Sinjorina Borg qalet li kemm il-darba l-kunsill jaqbel mal-kontenut tar-rapport u r-rakomandazzjoni tal-bord, hija ser tkompli bil-proċedura li jmiss fuq is-sistema tal-EPPS billi ttella dan ir-rapport u tibgħat in-notfikazzjonijiet lit-tlett bidders li tefgħu l-offerti tagħhom. Dan biex jibda l-proċess ta' għaxar t'ijiem fejn jekk hemm xi bidder li jixtieq

japella din id-deċiżjoni jista jagħmel dan fil-perjodu allokat. Jekk wara għaxar t'ijiem ma jkunx hemm appelli l-kunsill jista jmexxi billi jsir kuntratt ta' aċċetazzjoni mal-kumpanija Urban Play Solutions LTD.

43.9.1.3 Il-Kunsill kollu unanimament approva dan ir-rapport ta' evalwazzjoni fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia li kienet issekondatha mill-Kunsillier Joseph Zahra.

43.9.2.1 <u>CIR AKL 2022/064 – Group Life policy – Membri Eletti</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill ċirkulari mibgħuta mill-AKL, CIR AKL 064 – GROUP Life Policy Għal Membri Eletti, biex tiġi diskussa mis-Sindku u l-kunsilliera. Kopja ta' din iċ-ċirkulari bid-dettalji kollha inbtħgatet lil kunsilliera qabel il-laqgħa.

43.9.2.2 Is-Sinjorina Borg spjegat kif din iċ-ċirkulari tgħid li Sindki, Viċi Sindki u Kunsilliera jistgħu jkollhom polza ta' Assigurazzjoni. Għal dawk il-membri nteressati li għandhom l-eta bejn 18-il sena u 65-il sena, l-kunsill irid iħalsilhom r-rata ta' 65 EUR. Dawk il-membri li huma nteressati f'din il-polza u għandhom bejn is-66 sa 70 sena, l-kunsill irid iħalsilhom ir-rata ta' 340 EUR u anke biex ikunu eliġġibli jridu jimlew formula ' Declaration of Good health'. Aktar dettalji dwar it-tip ta' polza u kopertura, kollha diġa ġew inklużi fl-imejl mibgħutha.

43.9.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lis-Sindku u lil kunsilliera jekk jixtiequx jinkitbu għal din il-polza. Għal din il-polza ġie deċiż li jinkitbu s-Sindku u l-kunsilliera kollh, fuq proposta tas-Sur Cini li kien issekondat mis-Sinjorina Farrugia.

43.9.3.1 <u>Lista ta' xiri għall-uffiċċju tal-kunsill l-ġdid</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-kunsill lista ta' xiri ta' oġġetti li ser ikun hemm bżonn jinxtraw għall-uffiċċju l-ġdid. Hija spjegat li kif diġa avża s-Sindku, dawn l-oġġetti kollha ser jinxtraw naturalment inregola mal-linji gwida tal-procurement.

43.9.3.2 Qed tintalab l-approvazzjoni biex alissa jinxtraw (1) antriporta, (2) żewġ air conditions, u (3) skrivanija waħda. Dawn l-oġġetti ser jinxtraw mill-fondi tar-Reġjun Ċentru. Il-Kunsilliera kollha unanimament approvaw ix-xiri ta' dawn l-oġġetti.

43.9.4.1 <u>Talba għal implimentazzjoni ta' double yellow lines fi Triq San Liċinju</u>
Tressqet talba fuq il-mejda tal-kunsill minn resident biex jiġu mplementati double yellow lines faċċata tar-residenza tiegħu fi Triq San Liċinju. Dan ir-resident qed isib diffikulta joħroġ mill-garaxx ta' kuljum minħabba l-karozzi li jkun hemm ipparkjati faċċata, speċjalment jekk ikunu karozzi kbar bħal xi mini bus jew vann.

43.9.4.2 Is-Sindku qal kif huwa sejjer fuq il-post u ser jagħmel kuntatt mar-resident dwar din it-talba, għaliex fil-fehma tiegħu Triq San Liċinju hija wiesgħa biżejjed biex wieħed joħroġ komdu mill-garaxx u xorta jkun hemm karozzi pparkjati faċċata. Kemm il-darba din t-talba hija viabbli li tiġi milqugħa, l-kunsill għandu umbgħad japplika ma' TM għall-implementazzjoni ta' dawn il-linji.

43.9.4.3 Il-Kunsilliera unanimament qablu.

## 43.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

43.10.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 07/22 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €106.88 għax-xahar ta' Ġunju.

43.10.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kollha kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Minority Leader Lorraine Farrugia li kienet ssekondatha mill-Kunsillier Calcedonio Cini. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għadha magħluqha minħabba s-sitwazzjoni ta' COVID-19, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-sindku u s-sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 43.11 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

43.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif b'kollox sad-data tas-seduta, ma kienx hemm applikazzjonijiet alarmanti ġodda, dan skond l-informazzjoni li dejjem tagħmel u li tibgħat it-townplanner tal-kunsill. Dawn l-applikazzjonijiet dejjem anke tintbgħat kopja tagħhom għall-attenzjoni tal-kunsilliera kollha, biex kemm il-darba jagħti każ li jkunu jixtiequ joġġezzjonaw fuq xi applikazzjoni, jkunu jistgħu jitolbu biex isir dan.

43.11.2 Is-Sinjorina Borg qalet li riċenti ddaħlet ittra ta’ rapreżentazzjoni oħra dwar il-permess tal-ippjanar li hemm fuq St.Joseph Farm Fi Triq Depiro Gourgion, għaliex hemm applikazzjoni ġdida bi minor changes inkonessjoni mall-ewwel applikazzjoni sottomessa. Il-Kunsill għalhekk issottometta ttra oħra anke minħabba li hemm appell minn Din l-Art Ħelwa. Is-Sindku pero spjega li minkejja li hemm appell dan ma jfissirx li ma jistax jibda jsir ħidma fuq din il-farm, wara konferma mgħottija kemm mill-Planning Authority u kif ukoll minn Din l-Art Ħelwa, li qed tagħmel l-appell.

## 43.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

43.12.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

43.12.2 Is-Sindku qal li ssa li daqt jispiċċaw ix-xogħlijiet li saru fit-toroq riċenti, hemm bżonn li isir il-ħasil ta’ xi toroq. Is-Sur Dalli hawnhekk ħa l-opportunita li jirringrazzja lil Cleansing Department talli riċenti ġew jaħslu l-Pjazza u l-bankini ta’ Vjal it-Trasfigurazzjoni fuq talba tal-kunsill stess. Dawn minnufih ġew jassistu lil kunsill bil-ħasil tal-bowser. Issa l-ħasil tat-toroq li jistgħu forsi jagħmlu huma, merħba bihom u l-ħasil ta’ dawk it-toroq li ma jistgħux jagħmlu huma, l-kunsill m’hemmx xtagħmel ser ikollu jħallas għal dan is-servizz. Kemm jista jkun l-ħasil jiprova jsir qabel l-armar tal-festa.

43.12.3 Is-Sur Cini talab lis-Sindku jikkonferma jekk qabel il-Festa, l-kunsill mhux ser ikun anke qed jagħmel refreshing taż-żebgħa u s-sinjali tat-traffiku fl-art. Is-Sindku kkonferma dan u spjega kif diġa sar programm mal-ħaddiema tal-kunsill dwar ir-refreshing li ser ikun qed isir fil-jiem li ġejjien.

43.12.4 Il-laqgħa ntemmet fi 5:37pm.

43.12.5 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis 11 ta’ Awwissu 2022 u kien hemm qbil b’mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-5:00pm onaljn.

Konfermati, illum it-Ħamis 11 ta’ Awwissu 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |